MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 407/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

**Jowfe Group Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm910.31 (disa` mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u tletin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-17 ta' Frar 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-7 ta` Marzu 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------